MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Numru 722/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Anthony Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Bezzina ta’ 51 sena, bin Xandru u Mikelina nee’ Zarb, imwieled San Pawl il-Bahar fil-27.08.1952, u li joqghod f’l-indirizz: “Ta' Guze” Flat 2, Triq Simar, Xemxija. Detentur tal-karta ta’ l-identita' numru 655852(M) gie akkuzat:

Talli fit-2 ta’ Mejju 2001 u f’ dati precidenti, f’ Hal-Lija b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda’ b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera’ haga b’ ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm5000 bi hsara tas-socjeta' Auto Sales Limited.

U aktar fl-istess cirkustanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, min kwantita ta tyres ghal valur ta’ aktar minn Lm5000, li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 4 ta’ Mejju, 2005 (Ara fol 49 tal-process) u nnutat li l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innuntat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Jose' Herrera ghall-imputat u l-Ufficjal Prosekutur iddikjaraw li jaqblu li l-ammont dovut lill-parte civile, is-socjeta' *Autosales Limited*, mill-imputat rigwardanti dan il-kaz, hu ta' 11964.34 Ewro ekwivalenti ghall-LM5136.29, liema ammont l-istess imputat jipprometti li jhallas lill-imsemmija socjeta' fi zmien sitt (6) xhur millum.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, 293, 294, 28A – 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Bezzina, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Anthony Bezzina ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Anthony Bezzina jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat Anthony Bezzina jhallas lill-parte civile, is-socjeta' *Autosales Limited,* is-somma ta' hdax il-Elf disa' mija u erba' u sittin Euro u erba u tletin centezmu (Eur11964.34) ekwivalenti ghal hames t' elef, mija u sitta u tletin Liri Maltin u disa' u ghoxrin centezmu (Lm5136.29) u dan fi zmien sitt (6) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Bezzina l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------